

# MIXJA NOSTALĠIKA F'XI TOROQ TA' ĦAL QORMI



**Kitba ta' Sunny Aquilina**

Kellna waħda mil-laqgħat tal-Kummissjoni 140 sena ta' l-Erba' Baned li s-sena l-oħra ċċellebrajna flimkien dan l-Anniversarju Speċjali għas-Soċjetajiet Filarmoniċi San Ġorġ tal-Belt Cospicua, Pinto, Banda San Sebastjan ta' Ħal Qormi, Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien u l-Banda Peace tan-Naxxar. Kellna laqgħa l-Każin tas-Soċjeta` Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan u kont ftit kmieni. Għalhekk b'nostalġija fettilli nieħu t-triq li konna nimxu meta kont għadni ċkejken u kont nitla' mal-ġenituri għand in-nanniet. Ktibt xi ħaġa fuq dawn fl-artiklu tas-sena 'l oħra.



Qbadt it-triq mill-Marsa minn ħdejn il-korsa taż-żwiemel, Ħal Qormi magħruf għad-dilettanti taż-żwiemel. Imxejt tul it-triq kollha stalel u ħwienet sal-pont qabel taqbad il-bini. Hawn waqaft ftit u tajt daqqa' t'għajn lejn il-monument tal-Gran Mastru Manuel Pinto f'nofs ir-'roundabout'. Huwa xogħol sabiħ u xieraq li jfakkar lill-Gran Mastru li għolla lil Ħal Qormi għad-dinjita' ta' belt u taħ ismu, 'Il-Belt Pinto'. Kien it-68 Gran Mastru ta' l-Ordni ta' San Ġwann mit-twaqqif tiegħu u l-24 Gran Mastru f'Malta. L-isem sħiħ tiegħu kien Emanuel Pinto de Fonseca. Kien Portugiż għalkemm għex Malta sa minn tfulitu u dam f'din il-kariga għal 32 sena sħaħ mill-1741 sa' l-1773. Minbarra dan il-monument f'Ħal Qormi nsibu wkoll il-famuża tribuna ta' Pinto hekk storika.

Komplejt miexi lejn il-pompa tal-petrol fejn kelli għażla ta' tliet toroq, dik ewlenija li twassal dritt għall-każin, l-oħra li twassal lejn il-pjazzetta fejn hemm l-istatwa ta' San Pawl u jekk trid tista' tibqa' tiela sa ħdejn il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ u l-oħra bejniethom, iqsar u dritta li fi ċkuniti konna nieħdu għal għand in-nanniet minn naħa ta' missieri. Għażilt din it-triq, Triq il-Kunċizzjoni għax xtaqt nerġa' ngħaddi minnħa wara tant snin! Rajt xi tibdil, imma l-karattru ta' dawn it-toroq antiki għadu hemm. Jiena u miexi xammejt ir-riħa bnina tal-ħobż u l-biskuttelli. Ftakart f'dawk il-biskuttelli tal-ġenba li tant konna nħobbu mat-te meta konna żgħar. Ħal Qormi ilu mill-qedem magħruf bħala l-lokal tal-furnara u msemmi għall-fran u l-ħobża bnina Maltija!

Qabel ma dort għal Triq San Ġużepp, tajt ħarsa lejn in-niċċa tal-Kunċizzjoni li hemm f'din l-istess triq biswit Triq il-Kunċizzjoni. Ta' min isemmi li ġewwa Ħal Qormi nsibu għadd tassew kbir ta' niċeċ ta' qaddisin li huma karatteristiċi fit-toroq tagħna. Ħarist fit-tul lejn il-bieb kbir aħdar skur fejn kienu joqogħdu n-Nannu Ġuże` u n-Nanna Tereż li mill-gwerra baqgħu joqogħdu Ħal Qormi fi Triq San Ġużepp. Imxejt lejn tarf it-triq biex nagħti daqqa' ta' għajn lill-istatwa sabiħa ta' San Pawl, li qribha fil-kantuniera, kien hemm ħanut tax-xorb minn fejn kont nixtri xi flixkun luminata lin-nanniet u ħelu għalija u għal ħuti. Tlajt lejn Triq San Bartolomew u mxejt lejn id-dar fejn kienet toqgħod in-Nanna Tereż u trabbiet ommi sakemm iżżewġet lil missieri u marru joqogħdu Bormla. Missieri kien dilettant kbir tal-banda u sa minn ċkuniti kien joħodni miegħu l-każin tal-banda u ħeġġiġni nitgħallem indoqq strument. hekk sirt bandist u tlajt inħobb u napprezza l-mużika!

Imxejt lejn il-pjazza u tajt ħarsa sew lejn l-istatwa artistika ta' San Sebastjan u l-knisja l-qadima, hekk karatteristiċi f'din il-pjazza pittoreska. Ftit 'il fuq hemm ukoll statwa ta' San Ġorġ sabiħa wkoll u t-tnejn jinsabu fuq pedestall eleganti tal-ġebel.

Fl-artiklu tas-sena l-oħra semmejt kif din il-pjazza ta' quddiem il-knisja l-antika, fil-festa ta' San Sebastjan kienet ta' ispirazzjoni meta ktibt novella fuq il-festa Maltija. Niftakar sew il-festa ta' San Bastjan fi tfuliti bil-marċi tal-Banda Pinto, il-kant mal-banda u l-briju bl-ilwien ħodor u l-armi tal-qaddis u ta' Pinto. Iċ-ċentru kien, u sa ċertu punt għadu, madwar il-knisja ż-żgħira li hija ġawhra arkittettonika. Qrib niftakar ukoll it-talkies Warner fit-triq li tieħu lejn il-knisja parrokkjali l-ġdida hekk kbira u spazjuża! Qrib inbniet l-iskola, bosta djar u appartamenti u bil-ħwienet li fetħu sar xaqliba importanti u n-naħa moderna ta' Ħal Qormi, n-naħa ta' San Bastjan. Hawn għandi memorja oħra personali għax fl-Iskola Primarja ta' San Sebastjan għamilt l-ewwel esperjenza fit-tagħlim mat-tletin sena ilu. Snin wara kont għamilt għadd ta' tpinġijiet kbar fiha għat-tfal kif ukoll konna dħalna fil-Karnival ta' l-1981 bit-tfal ta' l-iskola bil-karru ta' Alladin. Qrib l-iskola nsibu wkoll it-Tibuna ta' Pinto li diġa' semmejna.

U jien wasalt fil-każin tas-Soċjeta` Pinto, Banda San Sebastjan għal-laqgħa u kemm erġajt ġibt tifkiriet ma' din il-mixja nostalġika. Żgur li ġġib xi ħsibijiet lil min jaqra dan l-artiklu u jaf dawn it-toroq fin-naħa t'isfel ta' Ħal Qormi. Nista' ngħid li bis-saħħa tal-140 Sena komplejt aktar nersaq lejn Ħal Qormi, kattart il-ħbiberiji u għamilt bosta ħbieb ġodda. Fost dawn hemm il-membri tal-Kumitat b'mod speċjali dawk li ħdimna flimkien fil-Kummissjoni tal-140 Sena u s-Surmast Dominic Darmanin u l-Assistenti Surmastrijiet u bandisti u membri.

Nixtieq fl-aħħarnett nesprimi l-gratitudni tiegħi għall-fiduċja li wrew fija l-membri kollha tal-Kummissjoni 140 Sena li ħatruni President biex is-sena li għaddiet iċċelebrajna flimkien. Ħajr lill-kumitati ta' l-erba' Soċjetajiet li lkoll ikkoperaw u tassew laqgħuna u stmawna f'kull każin biex saru l-laqgħat u kull ma kien meħtieġ. Ta' dan inrodd ħajr f'isem il-Kummissjoni 140 Sena. Kellha wkoll tkun waħda mil-laqgħat li wasslet biex jien nagħmel din il-mixja għarriexa b'nostalġija u nikteb dan l-artiklu li talabni nikteb sieħbi s-Sur Charles Saliba. U mal-ħsieb il-moħħ u l-qalb nisġu wkoll versi f'poeżija li ntemm dan l-artiklu biha, semmejtha 'Ħal Qormi - il-Belt Pinto'.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.